MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2005

Talba Numru. 1447/2005

**Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma f'isimha proprju u ghan-nom ta' l-Enemalta**

**Vs**

**Constantino Galea (607955M)**

## It-Tribunal

Ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' elf tlett mija u tmien liri Maltin u sitta u ghoxrin centezmu (Lm1,308.26c) rapprezentanti kontijiet pendenti ghall-konsum u kera ta' meters ta' l-ilma u ta' l-elettriku, li jammontaw ghas-somma ta' mija u hdax-il lira Maltin u hamsa u disghin centezmu (Lm111.95c) ghall-konsum ta' l-ilma u kera ta' meter ta' l-ilma u kwantu ghas-somma ta' elf mija u sitta u disghin lira Maltin u wiehed u tletin centezmu (Lm1,196.31c) ghall-konsum ta' l-elettriku u

kera ta' meter ta' l-elettriku fil-fond Espadon Bar, Triq is-Sorijiet, Tarxien, matul il-perjodu mill-4 ta' Mejju, 2001 sad-19 t'April, 2002 skond il-kont numru 1000053385.

Ra li l-konvenut Constantino Galea, debitament notifikat, ma kkontestax it-talba attrici.

Ra n-Nota tal-Mistoqsijiet tal-korporazzjoni attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art. 698(2) u 702 tal-Kap. 12);

Billi, ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx, la fl-10 t'Ottubru, 2005, meta gew ipprezentati l-Kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ghaldaqstant it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-korporazzjoni attrici s-somma ta' elf tlett mija u tmien liri Maltin u sitta u ghoxrin centezmu (Lm1,308.26c) bl-imghax u bl-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------